PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
29 ta' Jannar, 2023

# KLIEMU MA JGĦADDIX

It-tqassim tal-Vanġelu ta' San Mattew beda nhar it-Tlieta li għaddiet. Minn hawn nixtieq nirringrazzja ħafna lil dawk kollha li t-Tnejn li għadda ħadu sehem fil-laqgħa ta' preparazzjoni qabel ma bdejna dan ix-xogħol li huwa att ta' Evanġelizzazzjoni.




Xi wħud staqsewna għaliex intgħażel il-Vanġelu ta' San Mattew. Dan għaliex il-liturġija tal-Kelma tal-Ħadd matul dis-sena liturġika li qegħdin fiha l-biċċa l-kbira tal-Vanġeli se jittieħdu minn dan il-Vanġelu ta' Mattew.

Kif tistgħu tużaw dal-ktejjeb għall-ġid tagħkom? Tistgħu timxu fuq kif hemm miktub fl-ewwel 12-il paġna tal-Vanġelu. Imbagħad bħala silta li taqraw għal kull jum tistgħu tibdew mill-bidu u tkomplu mexjin.

Fil-jum tas-Sibt jew fi ġranet oħrajn qabel il-Ħadd tistgħu taqraw u timmeditaw il-Vanġelu tal-Ħadd li jkun ġej. F'dan il-Ħadd il-Vanġelu huwa Mattew 5, 1-12.

Dan il-Vanġelu huwa wieħed mill-iktar importanti bħala diskors ta' Ġesù: il-BEATITUDNIJIET.

Ġej ir-Randan Imqaddes. Tkun grazzja kbira għalina lkoll jekk fil-parroċċa nuzaw dan ir-rigal li rċivejna u nagħmluh qisu parti mill-ikel tagħna fil-mixja tar-Randan.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

**L-EWWEL QRARA:** għal dawk it-tfal li se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina se tkun nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar fil-5:30pm. Se jkun hemm saċerdoti jqarru u anke l-ġenituri u l-kustodji se jkollhom l-opportunità li jirċievu s-sagrament tal-qrar. Wara l-qrar se niltaqgħu biex nieħdu xi ħaġa flimkien, tfal u ġenituri. Niltaqgħu fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku.



## L-AVVIŻI:

**ĠABRA GĦALL-ART IMQADDSA:** din se ssir f'dan is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.

**GRUPP TA' TALB TA' PATRI PIJU:** niltaqgħu għall-Adorazzjoni bir-Rużarju għada t-Tnejn fl-4:30pm fil-kappella tas-Sorijiet. Dritt wara jkun hemm ukoll Quddiesa. Fost l-intenzjonijiet ninkludu l-morda u l-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna. Kulħadd mistieden.

**KORS TA' INTRODUZZJONI GĦALL-BIBBJA:** dan huwa kors akkreditat (level 4), għal dawk li għandhom minn 18-il sena 'l fuq. Huwa kors li jiswa ħafna għal min hu involut fil-pastorali. Biex tapplikaw idħlu fil-website tal-IPM jew ikellmu lil Dun Noel Saliba fuq 79551818. Il-kors se jsir fiċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb. Irid isir ħlas ta' €70.

**PROĊESS TAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA F'GĦAWDEX 2023-2024:** se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' applikanti oħra, dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u Indipendenti online bejn l-1 u l-14 ta' Frar. Informazzjoni dettaljata tinkiseb minn fuq il-website tal-kurja www.knisja.mt. Iklikkja fuq Skejjel tal-Knisja.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar wara l-quddiesa tal-5:00pm. Ilkoll mistednin niġu niltaqgħu mal-Ħniena ta' Ġesù.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** bi tpattija lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin, nhar is-Sibt 4 ta' Frar fit-8.15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Kulħadd huwa mistieden.

**QUDDIESA MINN FR RAYMOND:** nhar is-Sibt 4 ta' Frar fis-Sala Parrokkjali. Tibda fis-6:00pm. Wara jkun hemm tombla b'risq il-missjoni tiegħu fil-Perù.

**QUDDIESA F'GĦELUQ IX-XAHAR:** il-quddiesa tal-9:45am ta' nhar l-10 ta' Frar, se tkun għal ruħ Swor Marija Luċija Azzopardi. Swor Luċija kienet soru mal-Klarissi u ħallietna fid-9 ta' Jannar.



**CINEMA4KIDZ:** għall-istudenti minn Year 4 sa Form 1 (Year 7) fiċ-Ċentru. Jibdew dan is-Sibt 28 ta' Jannar, imbagħad fil-11 u fil-25 ta' Frar u fil-11 u l-25 ta' Marzu. Il-ħin ikun bejn il-5:30 u s-7:15pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am